*25 ta' Mejju, 2011*

52/2011

**KORS TA' KANA POŻITTIV**

Il-Moviment ta' Kana ilu iktar minn hamsin sena jaghmel il-korsijiet bi tħejjija għaż-żwieġ, li minnhom ibbenefikaw eluf u eluf ta' mizzewgin kif ukoll is-socjeta' Maltija.

Mic-censiment tal-2005 johrog li 7 fil-mija tal-mizzewga huma separati. Dan ifisser li d-93 fil-mija l-ohra tal-mizzewgin għandhom zwieg stabbli. Punt iehor li hareg mill-Lifestyle 2007 (NSO), hu li 90% tal-koppji Maltin huma kuntenti bir-relazzjoni taghhom. Rapport uffiċjali jgħid ukoll li mill-2005 'l hawn, in-numru tas-separazzjonijiet naqsu.

Nistgħu ngħidu li l-Moviment ta' Kana għandu sehem mhux żgħir f'dan is-suċċess. Parti mill-ħidma prinċipali tal-Moviment hija l-korsijiet ghat-thejjija taz-zwieg u ghal hajja miżżewġa ferħana. Għalhekk inqisu bħala barra minn lokhom il-kummenti negattivi li kienu rrapurtati dan l-aħħar dwar l-effett ta' dawn il-korsijiet.

Kelma ta' ringrazzjament kbira tisthoqq lill-koppji mexxejja kollha u lil kelliema li b'sagrifficcju personali, jwettqu din il-hidma b'qalb kbira u generuza.

Fr.Joe Mizzi

Direttur, Moviment ta' Kana